IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — ĠUNJU 1951

# Għall-Istorja ta' Malta

*HAWN skop kbir għal min irid jistudja tajjeb u bil-għaqal l-istorja ta' Malta. Sal-lum l-istorja tagħna nkitbet aktarx bil-għaġla u fuq fuq, u nġabret dwar xi ftit ġrajjiet li baqgħu jissemmew għall-ħila u għall-qlubija ta' min kellu x'jaqsam fihom. Kull ġrajja minn dawn, jew epopea, nistgħu nikkunsidrawha bħala ħaġra prezzjuża mdawra minn ħafna ġawhar, iżda ma hemmx qafas li jdommhom kollha flimkien biex isawru kuruna għal fuq ir-ras ta' Malta tagħna.*

*Il-lum l-istoriċi qegħdin ifittxu li jistudjaw mhux biss il-ġrajjiet magħrufa u kbar fil-medda tas-snin, iżda wkoll il-ġrajjiet żgħar, kif ukoll ix-xejriet u t-tqanqiliet li jagħtu sura u għelm lill-ħajja ta' kuljum. Għax bħalma bosta fewġiet ħfief jistgħu jingħaqdu flimkien u jqajmu riefnu li jġarraf u jiknes kulma jsib quddiemu, hekk dawk il-ħafna għadiet, xejriet u ħidmiet ta' kuljum jistgħu jqanqlu tagliba li tħarbat pajjiż, twaqqa' gvernijiet jew istituzzjonijiet qodma u tnissel bixra ġdida fil-ħajja tal-poplu. Min jaf dak il-kliem li jingħad bil-ħatfa fil-ħwienet, dak il-għadab li jinħass fost il-mexxejja tan-nazzjon dak it-tgemgim li jinstama' fost il-poplu, kemm jaħti għal rewwixti li jġibu warajhom twegħir tal-biża'.*

*Bosta minn dawk il-ġrajja żgħar u tilwim jinsabu miktubin fi kronaki. dokumenti, atti u arkivji qodma merfugħin f'kattidrali, knejjes, kunventi, bibljoteki u uffiċċji pubbliċi u privati, u huma ta' siwi kbir għal min irid ifittex u jistħarreġ il-motivi tal-ħajja fiż-żmenijiet imgħoddija. Wieħed għandu jistagħġeb meta jara x'egħjun ta' tagħrif hemm mistura f'dawk ir-reġistri qodma u tomi antiki, u jekk wieħed ikollu ż-żmien u s-sabar jaqra u jqalleb f'dawk il-kotba. għandu jikxef dati u ġrajja li jixħtu dawl qawwi fuq il-periiodi mudlama ta' l-istorja tagħna. Għax fil-qedem meta ma kienx hawn gazzetti u radjo kull ħaġa importanti li kienet tiġri kienet titniżżel fil-kronaka miżmuma mill-kunventi jew mill-Gemgħa tal-Gvern. Bis-saħħa ta' tagħrif li wieħed jista' jsib f'dawk il-kronaki, aħna nistgħu nifhmu aħjar ir-raġuni ta' bosta mill-ġrajjiet li jsawru l-istorja tagħna.*

*Il-lum nafu biss bil-fatti, iżda ftit għandna ħjiel taċ-ċirkustanzi li qanqlu dawk il-fatti. Dawk iċ-ċirkustanzi nistgħu nagħarfuhom jekk inqallbu u ngħarblu fl-arkivji qodma. Dan hu xogħol ta' reqqa u ta' sabar, li jeħtieġ tħejjija u studju iżda hu xogħol ta' siwi kbir u, biex ingħid hekk, hu xogħol kreattiv għax minn ħafna ntietef jibni ġrajjiet ta' importanza kbira. Dan iż-żmien il-għorrief meta jiktbu l-istorja ta' pajjiż qegħdin jagħtu importanza kbira lill-ħajja ta' kuljum kif tgħixha l-kotra, għax dik il-ħajja tagħti sura u għamla lin-nazzjon. Fil-ġrajjiet kbar jissemmew xi persunaġġi li jinżertaw jidhru huma, iżda l-*"fons et origo" *tal-ġrajja hi r-rieda jew il-kapriċċ tal-kotra; mela jeħtieġ li wieħed jistudja tajjeb ir-reazzjoni tal-kotra fix-xejriet kollha tagħha biex jagħti tagħrif u tifsir loġiku dwar l-istorja; dawk ir-reazzjonijiet tal-kotra aktarx isibu espressjoni fil-ħafna rqaqat u ġrajjiet imniżżlin fil-kronaki ta' żminijiethom.*

*F'Malta għandna ħafna minn dawn il-kronaki u arkivji minsijin li qegħdin qishom bil-ħniena jistiednu l-iskulari ħalli jqallbu fihom. F'dawk l-arkivji jinsab il-qofol ta' l-istorja tagħna. Kull min fetaħhom u qagħad xi ftit iqalleb fihom stagħġeb bl-informazzjonijiet interessanti li hemm miġbura fihom. Dr. A. A. Caruana, il-Professur G. A. Vassallo, Mons. A. Mifsud, P. P. Bellanti, Sir T. Zammit, li nqdew b'dawk l-arkivji, jixhdu s-siwi bla tarf ta' dawk id-dokumenti qodma. Għorrief barranin ġew f'Malta bil-ħsieb li jfittxu f'dawk l-arkivji u sabu fihom minjieri ta' informazzjoni storika li jitfgħu dawl mhux biss fuq il-ġrajja ta' Malta, iżda fuq dawk ta' l-Ewropa kollha u aktarx fuq tal-Lvant ukoll.*

*Ma nafx kif sal-lum fost l-istudjużi tagħna ħadd għadu ma tħajjar biex jinxteħet bil-ħrara kollha għal dan ix-xogħol ta' tfittix u tgħarbil fl-arkivji qodma tagħna; xogħol tant utili u interessanti, xogħol meħtieġ għall-ġieħ ta' pajjiżna u għat-tirqim ta' l-istorja tagħna. Dan mhux xogħol li wieħed jindaħal għalih b'nofs ħajra, lanqas li jista' jintemm ħorrox borrox jew bil-għaġla. Min jindaħal għal din il-ħidma jrid jiddedika ħajtu għaliha biss; ma hix ħidma ta' qligħ, iżda hi tikseb ġieh kbir u isem dejjiemi lil min itemmha. Tgħid għad ikollna din ix-xorti li naraw Maltin bħalna jikxfu għall-ammirazzjoni tal-popli u jqiegħdu għall-użu ta' l-umanità, it-teżori li għandna merfugħin fl-arkivji qodma tagħna? Jekk ma nitħajrux aħna, jersqu l-barranin u jagħmlu huma dak li jmissna nwettqu aħna. Tassew li jagħmlu*

*min jagħmlu, l-aqwa li dan ix-xogħol iseħħ, iżda jixraq ħafna li jindaħal xi Malti għalih, u l-Gvern għandu mnejn jitħajjar ukoll joħroġ xi somma biex igħin f'din il-biċċa xogħol ta' importanza nazzjonali kbira.*

## NIFIRHU



Għandna l-pjaċir inħabbru li l-Wisq Eminenti Altezza Tiegħu, il-Prinċep Chigi della Rovere, Gran Mastru ta' l-Ordni Suvran u Militari ta' S. Ġwann, għoġbu jżejjen lill-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., "Donato" ta' l-Ewwel Klassi, bit-titlu ta' Kavalier Maġisterjali ta' l-Ordni.

Il-Kav. Dr. Ġużè Galea l-lum hu magħruf mhux biss bħala bniedem ta' ħila u ta' merti fil-pożizzjoni tiegħu ta' Tabib Anzjan Sanitarju, iżda wkoll bħala persunaġġ li kemm ilu li ħareġ mill-bieb ta' l-Università, kollu ħeġġa għall-istudji u movimenti kulturali, kabbar ismu bil-ħidma tiegħu fil-kamp storiku, letterarju, filantropiku, patrijottiku u reliġjuż sew fi żmenijiet ta' emerġenza kemm ukoll fi żmenijiet normali fil-Gżejjer ta' Malta.

Aħna, membri u mseħbin fil-"Għaqda", għandna raġun, iżjed minn ħaddieħor, li nifirħulu bil-qalb kollha u nixtiqulu kull risq fil-ġieh ġdid li bih ismu żżejjen, għaliex ġieh bħal dan, barra milli jolqot l-isem tal-Gżira, jolqot ukoll, u b'mod partikulari, lill-"Għaqda" li kellha x-xorti tilqgħu fi ħdanha bħala wieħed mill-ewlenin fost il-membri tagħha minn mindu kien student universitarju, u fl-aħħar tagħżlu bħala President tagħha.